

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2019 — Il-Belġju u Magnetrol International vs Il-Kummissjoni**(Kawżi T-131/16 u T-263/16) <sup>(1)</sup>

*(“Għajjnuna mill-Istat — Skema ta' għajjnuna implimentata mill-Belġju — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u illegali u li tordna l-irkupru tal-għajjnuna mħallsa — Deċiżjoni fiskali bil-quddiem (tax ruling) — Eżenzjoni tal-profitti eċċessivi — Awtonomija fiskali tal-Istati Membri — Kunċett ta' skema ta' għajjnuna — Miżuri supplimentari ta' implimentazzjoni”)*

(2019/C 131/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent fil-Kawża T-131/16: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: inizjalment C. Pochet, M. Jacobs u J.-C. Halleux, sussegwentement C. Pochet u J.-C. Halleux, aġenti, assistiti minn M. Segura Catalán u M. Clayton, avukati)

Rikorrenti fil-Kawża T-263/16: Magnetrol International (Zelee, il-Belġju) (rappreżentanti: H. Gilliams u J. Bocken, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment P. J. Loewenthal u B. Stromsky, sussegwentement P. J. Loewenthal u F. Tomat, aġenti)

Intervenjenti fil-Kawża T-131/16: L-Irlanda (rappreżentanti: inizjalment E. Creedon, G. Hodge u A. Joyce, sussegwentement K. Duggan, M. Browne u M. Joyce, u fl-aħħar nett M. Joyce u J. Quaney, aġenti, assistiti minn P. Gallagher, M. Collins, SC, B. Doherty u S. Kingston, barristers)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1699 tal-11 ta' Jannar 2016 dwar l-iskema ta' għajjnuna li tirrigwarda l-eżenzjoni tal-qligħ eċċessiv SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Belġju (ĠU 2016, L 260, p. 61).

**Dispożittiv**

- 1) Il-Kawżi T-131/16 u T-263/16 huma magħquda għall-finijiet ta' din is-sentenza.
- 2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1699 tal-11 ta' Jannar 2016 dwar l-iskema ta' għajjnuna li tirrigwarda l-eżenzjoni tal-qligħ eċċessiv SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Belġju hija annullata.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż tar-Renju tal-Belġju, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji, u ta' Magnetrol International.
- 4) L-Irlanda għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 191, 30.5.2016.